MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Avviz Numru. 10/2013

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Mary Grace Hmidi ġa Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-10 ta’ Jannar 2013 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ tmint elef, sitt mija u tmienja u tletin ewro u tnax-il centezmu (€8,638.12) skont dokumenti annessi u mmarkati Dok A, B1 sa B12 u C liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ servizz bin-numru 79820188 (kont numru 40168871) moghtija mis-socjeta’ attrici, skont kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez u drittijiet tal-prezenti, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali mibghuta ai termini tal-Art. 166A tal-kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 18 ta’ Ottubru 2012 bin-numru 2475/12 tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut mid-data tal-prezentata ta’ dan ir-rikors li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Mary Grace Hmidi ga Abela li giet ipprezentata fl-24 ta’ April 2013 fejn eccepiet:

*“Illi l-esponenti qed topponi t-talba tas-socjeta’ attrici in vista tal-fatt illi l-ammont minnha rikjest ma hux dovut peress illi l-istess socjeta’ naqset li tonora l-obbligi taghha versu l-esponenti billi waqfet is-servizz wara sitt xhur meta kellha tipprovdieh ghal sentejn u ghaldaqstant l-istess socjeta’ attrici qed tippretendi hlas ghal servizz li fil-fatt hija ma wettqix fejn xorta baghtet il-kontijiet meta l-esponenti ilha sena u nofs ma tuzax dan is-servizz, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.*

*Bl-ispejjez u drittijiet tal-prezenti, inkluzi dawk tan-nota maghmula ai termini tal-Art. 166A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta in risposta ghall-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 18 t’Ottubru 2012 bin-numru 2475/12, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali kontra s-socjeta’ attrici, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.”*

**Simone Ellul** xehdet fit-22 ta’ Mejju 2013 fejn iddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta’ creditor control manager mas-socjeta’ attrici. Hija kkonfermat li l-konvenuta Mary Grace Hmidi gja Abela kellha servizz maghhom, u cioe’ kellha mobile phone li jgib in-numru 79820188. Dan is-servizz inghata lilha permezz ta’ kuntratt li jinsab esebit fl-atti a fol 2 immarkat bhala Dokument A. Mistoqsija mill-Qorti minn hu l-klijent ufficjali li kien iffirma dan il-kuntratt wiegbet li kien rapprezentant tal-GO li ffirmah flimkien ma’ Mary Grace Abela. In segwitu tal-iffirmar ta’ dan il-ftehim huma kienu johorgu l-kontijiet kull xahar u dan minn Frar 2011 sa Marzu 2012. Hija ddikjarat li tul dan il-perjodu huma ma rcevew l-ebda hlas.

Ix-xhud ikkonfermat li l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fir-rikors promotur u cioe' s-somma ta' tmint elef, sitt mija u tmienja u tletin ewro u tnax-il centezmu (€8,638.12). Mistoqsija jekk fil-file irrizultalhiex li effettivament il-konvenuta ikkontestatx dan l-ammont jew pruvatx tasal ghal xi arrangament ghal hlas tal-istess, wiegbet li le ma jirrizultax mill-file, u ma jidrilhiex li kkommunikat personalment maghha lanqas. Ix-xhud spjegat li l-kontijiet relatati ma' dan is-servizz jinsabu inseriti fl-atti u hemmhekk hemm breakdown dettaljat ta' *itemised billing* tat-telefonati li saru mill-istess konvenuta.

**Simone Ellul** in rapprezentanza tal-GO regghet xehdet in kontro-ezami nhar id-19 ta' Gunju 2013 u spjegat illi fis-sistema taghhom kien hemm il-kontijiet li intbaghtu kull xahar lil Mary Grace Abela. Hija ma tistax tikkonferma jekk Mary Grace Abela ircevietx dawn il-kontijiet jew le pero' fil-fajl m'ghandha l-ebda *return to sender*. Mistoqsija jekk fil-fatt jirrizultalhiex li hemm zewg kontijiet li gew mahruga ghal €18 u l-iehor ghal €30 wiegbet li fis-7 ta' April 2011 jirrizulta li hareg kont ghal €17.75 u fl-4 ta' Mejju 2011 hareg kont ta' €48.83. Pero' dawn il-kontijiet ma gewx imhallsa. Fil-fajl ma jirrizultalhiex jekk effettivament Mary Grace Abela marritx thallas dawn il-kontijiet u jekk marret x'kienu qalulha. Hija ma jirrizultalhiex lanqas li meta effettivament Mary Grace Abela marret thallas qalulha li tista' thallashom mal-kontijiet ta' wara peress li kienu ammonti zghar. Ix-xhud sostniet li m'ghandhiex informazzjoni li effettivament hija prattika tal-GO li meta jkun hemm kont zghir dan ikun jista' jithallas max-xahar ta' wara.

Ix-xhud giet mistoqsija jekk kienx hemm xi offerti meta gie iffirmat dan il-kuntratt fi Frar 2011 fejn wiegbet li ma tafx x'kienu jekk kien hemm offerti. Hija stqarret li ma jzommux din l-informazzjoni fil-Credit Control Department. Ix-xhud qalet li jista' jkun illi dak iz-zmien kienu joffru mobile b'xejn jew xi credit. Mistoqsija ghaliex ma kinux gew effettivament offerti lill-konvenuta qalet li ma tafx ghaliex ma kinitx hi li offritilha l-pakkett, ix-xhud ma kinitx prezenti. Fil-fajl li x-xhud kellha quddiemha ma hemm l-ebda korrispondenza da parti tal-konvenuta. Mistoqsija jekk

mill-fajl jirrizultalhiex li effettivament il-konvenuta kellha l-mobile taghha misruq, wiegbet li le ma jirrizultalhiex u lanqas ma johrog mill-fajl li effettivament il-konvenuta kienet qaltilhom li l-mobile taghha kien misruq u li kien hemm xi dirigenti mill-Go Mobile li qalulha biex taghmel rapport l-ghassa. Hija lanqas ma jirrizultalha li kienet ikkomunikat mal-GO ghax riedet li l-kuntratt jieqaf ghax kien insterqilha l-mobile. Il-kuntratt waqaf skond dokumentazzjoni li ghandha peress li l-konvenuta ma hallsitx il-kontijiet li kienu jigu mibghuta lilha, u dan wara perjodu ta' sena u dan minkejja li l-kuntratt kien ta' sentejn. Qalet li l-GO izomm dejjem id-dritt li jwaqqaf il-kuntratt una volta ma jsirx pagament. Mistoqsija ghaliex effettivament il-kuntratt ma waqafx qabel, wiegbet li ma tafx. Hija ddikjarat illi mhux hi taqta' s-servizz.

Ix-xhud iddikjarat li fil-fajl taghha jirrizulta biss il-kontijiet li ntbaghtu u mhux li irceviethom. L-ahhar kont filfatt kien hareg meta twaqqaf is-servizz u dan kien fi Frar 2012. Sussegwentament hareg il-kont f'Marzu b'xi credits ta' kirjiet li kienu gew iccargjati qabel. Mistoqsija minn jipprovdi l-indirizz fejn jintbaghat il-kont qalet li huwa l-klijent u f'dan il-kaz il-kontijiet tal-konvenuta kienu jigu mibghuta 208, Triq San Mikiel, Bormla.

Il-konvenuta **Mary Grace Hmidi gja Abela** xehdet ukoll fl-istess seduta tat-18 ta' Gunju 2013 fejn giet murija d-dokument esebit f'dawn l-atti li huwa l-kuntratt li kienet iffirmat flimkien mal-GO fi Frar 2011. Dan il-kuntratt jinsab inserit fl-atti a fol 2 tal-process u gharfet il-firma taghha fuq dan l-istess kuntratt. Hija spjegat li darba minnhom fost l-ohrajn hija kienet qieghda l-Belt u kienu waqfuha xi rapprezentanti tal-Go Mobile u kienu hajruha biex tbiddel il-linja tat-telephone taghha ghal maghhom u hija hekk ghamlet. Il-konvenuta stqarret illi hija ddum biex tifhem pero' taf li staqsietu jekk una volta tiddejjaq mill-kuntratt tkunx tista' thassru u wegbuha li ma kinitx problema. Hija filfatt hadet il-kuntratt u tawha c-cippa ghax qabel kellha s-servizz tal-Vodafone u nfurmawha li wara certu hin il-linja kienet ser tinbidel.

Il-konvenuta ddikjarat li hija kienet irceviet biss zewg kontijiet fl-indirizz li kienet tathom, u cioe' ta' Bormla u kienu jammontaw ghal wiehed ghal €18 u l-iehor xi €30 jew ftit aktar. Pero' filfatt qabel is-sitt xhur il-GO Mobile qatghulha l-linja u dan ghax il-mobajl insterqilha. Hija filfatt kienet gharrfet lil-GO u qaltilhom li l-mobajl kien insterqilha u kienet talbithom x'kellha taghmel. Dakinhar li hija kienet iffirmat il-kuntratt ma kinux tawha mobajl gdid u shab il-konvenuta kienu qalulha li suppost kienet intitolata ghal mobajl gdid. Il-konvenuta fil-fatt kienet cemplitilhom u qaltilhom li kien insterqilha l-mobajl u talbet biex il-kuntratt taghha jitwaqqaf pero' kienu qalulha li ma setghatx peress li hija kienet iffirmat ghal perjodu ta' sentejn. Lilha qalulha li ma kinitx rabta u li setghat tieqaf meta trid. Huma qalulha biex taghmel rapport l-ghassa pero' hija ma marritx l-ghassa ghax ittamat li xi hadd li kien serqilha l-mobajl kien ser jaghtiha l-mobajl lura. Hija bdiet tipprova ccempel il-mobajl taghha minn mobajl iehor u meta kienet qed iccempel kienu qed jghidulha li l-mobajl huwa attivat, ghalhekk cemplet lil tal-Go Mobile u qalulha li l-linja kienet maqtugha.

Il-konvenuta ddikjarat li hija saret taf li effettivament kien hemm dan il-kont pendenti ghax kien mar il-marixxal bir-rikors promotur u kien qalilha biex tmur ghand avukat kemm jista' jkun malajr. Hija filfatt kienet hadhet qatgha kbira, marret ghand l-avukat u kienet gharrfitu li filfatt zewg kontijiet biss kienet irceviet. Hija ddikjarat li fil-fatt marret thallas il-kont Rahal Gdid pero' qalulha li peress li l-ammont kien zghir kellha thallsu mal-kont ta' wara. Il-kont l-iehor hija sostniet li ma setghatx thallsu peress li kellha problemi finanzjarji ghax kienet qieghda fis-separazzjoni. Hija spjegat li l-kelma li kienet qed tircievi kienet "disactivated". Hija l-indirizz taghha qatt ma biddlitu, fil-fatt dejjem kienet toqghod 208, Triq San Mikiel, Bormla, pero' gieli kienet tircievi kontijiet ta' haddiehor. Hija spjegat li meta kienet iffirmat il-kuntratt hija kienet Mary Grace Farrugia ghax kienet ghadha qed tiehu l-annullament. Abela huwa kunjomha ta' xebba u llum il-gurnata hija mizzewga Hmidi.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' somma indikata fir-rikors promotur rapprezentanti din is-somma arretrati ta' kera u kontijiet tas-servizz ta' telefonija moghti lill-konvenuta mis-socjeta' attrici liema hlasijiet ma sarux ghalkemm interpellata diversi drabi.

Is-socjeta' attrici resqet lil Simone Ellul tixhed u tispjega li l-konvenuta kienet hadet servizz ta' telefonija minghand is-socjeta' attrici nhar l-10 ta' Frar 2011 kif jirrizulta mill-kuntratt iffirmat mill-kontendenti (fol. 2) u minkejja li naturalment kellha thallas ghal dan is-servizz, il-konvenuta baqghet inadempjenti. Ikkonfermat li s-socjeta' attrici kienet tibghat il-kontijiet ghand il-konvenuta kull xahar u minkejja dan il-konvenuta ma halset xejn. Mistoqsija jekk il-konvenuta qattx tathom raguni ghaliex ma riditx thallas, ix-xhud wiegbet fin-negattiv.

Minn naha l-ohra l-konvenuta xehdet u filwaqt li kkonfermat li l-kuntratt esebit a fol 2 kien iffirmat minnha, stqarret li hija kienet biss irceviet zewg kontijiet minghand is-socjeta' attrici - wiehed minnhom ghal valur ta' circa tmintax-il ewro u meta marret tipprova thalsu sqarret li allegatament ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici qalulha sabiex thallas dan l-istess kont mal-kont tax-xahar ta' wara u kont iehor ghas-somma ta' 'l fuq minn tletin ewro izda ma hallsitux ghaliex dak iz-zmien kienet ghadejja minn separazzjoni minn mar-ragel taghha u kellha diffikultajiet finanzjarji.

Mistoqsija ghaliex ma halsitx il-kont, il-konvenuta tghid li effettivament il-mobile taghha kien insteraq u meta kienet infurmat lis-socjeta' attrici dwar dan sabiex b'hekk taqta' is-servizz, tghid li s-socjeta' attrci qaltilha li dan ma setax isir ghaliex kienet intrabtet ghal sentejn. Ghalhekk stqarret li tistghageb kif effettivament hallewlha s-servizz ghal perjodu ta' aktar minn sena u li wara nehhewlha dan is-servizz meta hija kienet marbuta ghal sentejn. Mistoqsija jekk hallsitx xi kont twiegeb fin-negattiv u tghid pero' li qatt ma rceviet aktar kontijiet minkejja li tghix f'numru 208, Triq San Mikiel, Bormla u cioe' fl-indirizz

moghti minnha meta ffirmat il-kuntratt relattiv a fol. 2 tal-atti.

Illi minkejja dan kollu pero’ il-konvenuta taghti zewg eccezzjonijiet u cioe’ dik ta’ *inadimpleti non est adimplendum* u fit-tieni lok u bla pregudizju ghall-ewwel eccezzjoni *nemo ad impossibilia tenetur* ghalkemm it-tieni eccezzjoni nghatat mill-konvenuta mill-avukat difensur taghha waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe’ dik ta’ *inadimpleti non est adimplendum* il-Qorti taghmel referenza ghall-pozizzjoni legali nostrana. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ‘**Panta Marketing and Services Limited (C 11244) vs Joseph Brincat’,** deciza fit-28 ta’ Gunju 2011 fejn gie ritenut li:

*“Ir-rekwiziti tal-eccezzjoni ‘inadimpleti non est adimplendum' huma tlieta:*

*(i) l-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tieghu trid tkun parti ntegrali mill-ftehim;*
*(ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u*
*(iii) irid ikun hemm proporzjonalita' bejn l-inadempjenza tal-partijiet u cioe' li n-nuqqas tal-attur relattivament ghall-prestazzjonijiet li huwa jesigi mill-konvenut tkun ta' certa gravita'.”*

Il-principju *‘inadimpleti non est adimplendum'* u fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet “**Easysell Caterers (Gozo) Limited vs Benjamin u Concetta konjugi Bonello, Twan u Sharlene konjugi Vella**” (Q.Gh.Superjuri (PC) – 6 ta’ Mejju 2010) irriteniet li:

*“F'materja ta' kuntratti min jonqos li jwettaq l-obbligazzjoni li jkun intrabat biha, jkun responsabbli ghad-danni u lkreditur jista' jigi awtorizzat iwettaq hu stess lobbligazzjoni bi spejjez tad-debitur. Madankollu meta tinghata l-eccezzjoni inadempleti non est adimplendum jista' jkun hemm rabta bejn iz-zewg obbligazzjonijiet*

*imnissla mill-istess rapport sinillagmatiku. Jehtieg li jkun hemm proporzjon bejn l-inadempjenza li biha l-kreditur ikun mixli u dik rifjutata mid-debitur. Fuq kollox in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni irid ikun ta' certa gravita'. ... F'kaz ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur jista' jaghzel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq ukoll kontra r-rieda tad-debitur jew inkella jitlob li jithallas qhad-danni li ikun qarrab minhabba n-nugqas ta' twettiq."*

Issa fil-kaz odjern il-Qorti ma tara l-ebda nuqqas minn naha tas-socjeta' attrici. M'huwiex ragunament tal-konventua li tghid li ghaliex is-socjeta' waqfet is-servizz li obbligat ruhha li taghtiha qabel iz-zmien allura kien gustifikat li hija ma thallasx ghas-servizz li lahqet hadet minghand is-socjeta' attrici. M'hemmx dubju li s-socjeta' attrici kienet kostretta li twaqqaf is-servizz taghha lill-konvenuta meta il-konvenuta ma ghamlet l-ebda pagament ghas-servizz li hadet u in oltre meta rat li l-kont taghha kien tela' ghall-ammont mitlub fir-rikors promotur li huwa ammont sostanzjali. Mhux gust li l-konvenuta tippretendi li s-socjeta' attrici tibqa' toffri s-servizz ghal sentejn sabiex b'hekk il-kont jizdied bil-possibilta' li tibqa' ma tircievi l-ebda hlas. Il-Qorti semghet lill-konventua tghid li kellha problemi finanzjarji sabiex thallas kont li kien ta' ftit 'il fuq minn tletin ewro ahseb ara kemm hu aktar difficli ghaliha li thallas kont ta' madwar tmint elef u sitt mitt ewro kif qed jintalab prezenzjalment. M'hemmx dubju li f'dan il-kaz l-inadempjenza huwa attriwibbli biss u unikament lill-konvenuta. Illi ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar it-tieni lanjanza ghalkemm ma nghatatx formalment jinghad li din mhix kwistjoni ta' *nemo tenetur ad impossibilia* ghaliex dan mhux kaz li l-konvenuta ma hallsitx il-kont ghaliex ma ircevitux jew addirittura ghaliex ma kinitx taf li hemm xi pendenza ghaliex fil-fatt kienet taf li qed taghmel uzu minn servizz u ghalhekk jekk in pessima ipotesi din il-Qorti ghandha tasal biex temmen lill-konvenuta li verament ma rcevietx il-kontijiet, xorta messha marret ghand is-socjeta' attrici sabiex tistaqsi dwar il-kontijiet peress li xorta baqget taghmel uzu mis-servizz. Zgur li dan mhux kaz ta' *nemo tenetur ad*

*impossibilia* u ghalhekk din il-lanjanza qed tigi michuda wkoll.

Jibqa' biss ghalhekk l-eccezzjoni fuq il-mertu u cioe' li l-ammont mitlub mhux dovut.

Dwar kwistjoni ta' prova il-Qorti taghmel referenza ghal xi sentenzi nostrana li nghataw fuq il-kwistjoni ta' prova.

Illi kif tajjeb gie osservat fis-sentenza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et',** deciza nhar il-25 ta' April 2002:

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Issir referenza ghas-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appelli nhar it-28 ta' April 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**Emmanuel Ciantar vs David Curmi noe'** fejn gie ritenut li:

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li majhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili ghal dak li huapprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr mathalli dubju ragjonevoli.”*

Dwar min ghandu jgib il-provi sabiex jikkonvinci l-gudikant din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ‘**<u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi’</u>** deciza nhar it-tnax (12) t’April 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

“*In materja ta’ provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) l*
*bda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta’ l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
*b) F*
*il-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta’ – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
*c)*
*Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi*

*tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il -valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***<u>Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco</u>*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Issa f'dan il-kaz is-socjeta' attrici resqet ir-rapprezentant taghha u cioe' lil Simone Ellul tikkonferma li l-konvenuta kienet qed taghmel uzu mill-mobile phone indikat fil-kontijiet esebiti u dan wara li l-konvenuta kienet iffirmat il-kuntratt esebit a fol. 2. Ikkonfermat li l-ammont dovut huwa dak imsemmi fir-rikors promotur u cioe' is-somma ta' tmint elef, sitt mija u tmienja u tletin ewro u tnax-il centezmu (€8,638.12). Spjegat kif kull xahar is-socjeta' attrici kienet tibghat kont lill-konvenuta pero' minkejja dan il-konvenuta qatt ma hallset xi kont u kien ghalhekk li l-ammont kien kiber tant. Mistoqsija jekk il-konvenuta qattx ghamlet kuntatt mas-socjeta' attrici sabiex tittenta taghmel xi hlas, hija wiegbet li sa fejn taf hi ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni minn naha tal-konvenuta.

Il-konvenuta minn naha taghha tghid li hija qatt ma rceviet il-kontijiet li kienu jintbaghtu lilha salv ghal zewg kontijiet b'ammonti negligibbli u qalet li meta marret biex thallas

wiehed ta' tmintax-il ewro, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici qalulha sabiex thallsu mal-kont ta' wara u kont iehor f'ammont iehor de minimis pero' dak ma halsitux ghaliex tghid li kellha problemi finanzjarji. Il-konvenuta qatt ma kkontestat li kienet hi li effettivament ghamlet it-telefonati indikati fil-kontijiet. Stqarret biss li ma rcevietx il-kontijiet u ghalhekk hasset li ma kellhiex thallas u in oltre tghid li peress li s-socjeta' attrici qatghet is-servizz qabel iz-zmien previst, hasset li ma kellhiex thallas.

**Il-Qorti fid-dawl tal-provi mismugha hija tal-fehma li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut u jimmerita li jigi kkonfermat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma mitluba mis-socjeta' attrici u cioe' l-ammont ta' tmint elef, sitt mija u tmienja u tletin ewro u tnax-il centezmu (€8,638.12) lill-istess socjeta' attrici.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta u l-imghax jibda' jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------